TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 268/13-F

**Angele & Godwin Sell**

**vs**

**Vivendo Projects Ltd.**

Illum 13 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Novembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet elef ewro (€3,000), rappreżentanti prezz ta' bibien illi ma kinux l-istess bibien li kienu ordnaw u minkejja li ġew installati ma kinux aċċettawhom.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw bibien li kienu ordnati skond Dok Q1 u li kellhom ftit injam fuq u ftit injam isfel, u li meta ġew jinstallaw il-bibien ma kinux il-bibien li kienu ordnaw u minkejja li s-soċjeta' ntimata installat il-bibien, ir-rikorrenti baqgħu jilmentaw li ma riduhomx.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal ukoll ra r-ritratti tal-bibien li ġew preżentati. Għaldaqstant, it-Tribunal prova jagħmel minn kollox sabiex jipprova jsolvi din il-kwistjoni bejn iż-żewġ partijiet, pero' jidher illi ma kienx hemm qbil bejniethom. It-Tribunal, huwa konvint illi r-rikorrenti ma ngħatawx il-bibien li kienu ordnaw u jista' jkun illi l-bibien li ġew installati huma ta' l-istess kwalita', pero' jibqa' l-fatt illi ma kinux dawk li ordnaw, u s-soċjeta' ntimata jmissha jew irrifjutat l-ordni jew irrifondat il-flus meta indunat illi ma jistax jiġi konkluż dan il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' tliet elef ewro (€3,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-bibien jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**